# Ir-'ritratti' tal-Assedju l-Kbir... tifkiriet storiċi f'inċiżjonijiet



**MAPPA NRU. 1**
**Pubblikatur: Giovanni Francesco Camocio**
**Inċiżur: Mhux magħruf**
**L-isem tal-mappa: Disegno del Porto di Malta, come al presente si trova assediato da turchi.....**
**Data tal-istampar: Tmiem Awwissu tal-1565**
**Mill-kollezzjoni ta' Dr Albert Ganado**
**Din hija waħda mill-aktar mapep rari tal-Assedju l-Kbir. Tintroduċina għal dehra ġenerali tal-akkampamenti tat-Torok, kemm dawk li huma truppi fuq l-art, kif ukoll il-flotta. Jidhru ċari Forti Sant'Iermu, Forti (Castel) Sant'Anġlu u Forti San Mikiel. Jidhru wkoll il-promontorji tal-Għolja Sciberras, il-Birgu u l-Isla. Effettivament, dawn kollha jidhru fl-erba' mapep.**
**Din il-mappa turi wkoll il-flotta tal-Insara li kienet miġbura barra Sqallija, li fl-inċiżjoni saret daqstant viċin biex turi li l-Insara kienu lesti li jgħinu lil Malta.**



**MAPPA NRU. 2**
**Pubblikatur: Giovanni Francesco Camocio**
**Inċiżur: Mhux magħruf**
**L-isem tal-mappa: Disegno del Porto di Malta, come al presente si trova assediato da turchi.....**
**Data tal-istampar: Settembru tal-1565**
**Mill-kollezzjoni tal-Fakultà tax-Xjenza ta' Charles University fi Praga, ir-Repubblika Ċeka**
**Din it-tieni mappa turi l-Assedju ta' Malta meta kien fl-aqwa tiegħu, kif jindikaw xeni ta' ġlied bejn gruppi ta' Torok u Kavallieri. Dak li jikkuntrasta bejn din il-mappa u dik ta' qabilha huwa żieda ta' xi kampijiet u battaljuni tat-Torok waqt li jidher ukoll pontoon-bridge wara l-katina bejn il-promontorji tal-Isla u l-Birgu. F'din il-mappa jiżdied il-foss ta' madwar Forti Sant'Iermu. Tidher ukoll żieda fl-għadd ta' vapuri li kienu jiffurmaw parti mill-familja Nisranija.**

**Pio Dalli**
pio.dalli@netmedia.com.mt

Meta niġu biex inżommu tifkira ta' xi ħaġa jew biex inżommu rekord ta' kif sejrin l-affarijiet, nużaw xi *drone* jew il-*video camera* tal-mowbajl. Sa ftit żmien ilu konna nużaw il-*video recorder* u qabel is-*cine-camera*. Qabel dawn kienu jintużaw ir-ritratti. Imma qabel x'kien jintuża? Jekk immorru fi żmien l-Assedju tal-1565, x'metodu ntuża biex setgħu jintwerew l-iżviluppi li kienu qed iseħħu matul dan l-Assedju? Il-prinċpijiet u r-rejiet tal-Ewropa, kif kienu qed jiġu mgħarrfa x'qed jiġri? B'liema mod kienu qed jiġu spjegati l-qagħdiet tal-qawwiet Torok?

It-tweġiba tagħtihielna wirja li kien hemm fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta. Wirja ta' erba' mapep bi skrizzjonijiet żgħar magħhom li kienu jagħtu tifsira taċ-ċaqliq tal-qawwiet Torok u anke tal-istrateġiji li kienu qed jużaw il-Kavallieri biex jiddefendu l-gżejjer Maltin, b'mod partikulari l-inħawi ta' madwar il-Port il-Kbir.

Dawn il-mapep illum huma parti mill-wirt kulturali ta' pajjiżna għax l-ewwel u qabel kollox juru episodju importanti ħafna fl-istorja ta' pajjiżna, u t-tieni għax juru aspetti naturali ta' pajjiżna li llum spiċċaw għalkollox. Dawn l-inċiżjonijiet huma episodju mill-istorja ta' pajjiżna miktuba '*in real time*'.

Dawn l-erba' mapep tal-Assedju l-Kbir li kienu għall-wiri fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija ġew prodotti f'Venezja mill-pubblikatur u negozjant tal-kotba u l-mapep Giovanni Francesco Camocio. Tlieta minn dawn il-mapep li huma oriġinali huma proprjetà tal-Mużew Nazzjonali tal-Arti, li hu mmexxi minn Heritage Malta.



Il-Gran Mastru Jean Parisot de Valette, li kien fiż-żmien li hu kien Gran Mastru li seħħ l-Assedju tal-1565

Dawn il-mapep oriġinarjament kienu jiffurmaw parti mill-kollezzjoni ta' Dr Albert Ganado, kollezzjoni li huwa kien irregala lill-Mużew Nazzjonali. Il-mappa l-oħra (it-tieni mis-sett ta' erbgħa) hija kopja tal-oriġinal li tinsab fil-kollezzjoni tal-mapep tal-Fakultà tax-Xjenza ta' *Univerzita Karlova* (Charles University) fi Praga, fir-Repubblika Ċeka. Dawn l-erba' mapep ġew stampati bit-teknika magħrufa bħala '*intaglio*', jew kif nafuha bil-Malti, inċiżjonijiet. Li hu interessanti f'dawn l-erba' mapep huwa l-fatt li dawn erba' inċiżjonijiet differenti nħadmu fuq l-istess pjanċa tar-ram.

Fil-fatt, meta wieħed jibda jqabbel mappa ma' oħra jibda jinnota li hemm elementi simili li huwa impossibbli li meta tagħmel inċiżjonijiet differenti

għal paġna 32



L-Avukat Albert Ganado li kien irregala l-mapep lill-Mużew Nazzjonali

# Ir-'ritratti' tal-Assedju l-Kbir... kif waslu sa żminijietna



**MAPPA NRU. 3**
**Pubblikatur: Giovanni Francesco Camocio**
**Inċiżur: Mhux magħruf**
**L-isem tal-mappa: Disegno del Porto di Malta, come al presente si trova assediato da turchi.....**
**Data tal-istampar: Bidu ta' Ottubru tal-1565**
**Mill-kollezzjoni ta' Dr Albert Ganado**
**It-tielet mappa turi l-aħħar stadju tal-Assedju l-Kbir bil-wasla tal-Gran Soccorso tal-qawwiet Kattoliċi. Don Garcia di Toledo ħa f'idejh il-kmand ta' din il-flotta u telaq minn Messina għal Sirakuża fil-21 ta' Awwissu. Wara vjaġġ ta' tliet ġimgħat huwa wasal Malta fis-7 ta' Settembru u kien f'dan il-punt li l-qawwiet Ottomani bdew jaħsbu biex iċedu. Din l-aħbar hekk importanti kellha tingħata malajr kemm jista' jkun. Imma ftit li xejn kien hemm żmien biex issir inċiżjoni ġdida u wieħed jinnota li ftit li xejn hemm differenzi, imma hemm miżjuda kliem bħal Alterarie Abandonate da Turchi (it-Torok jabbandunaw l-artillerija tagħhom) u Turchi che ua uia (it-Torok qed jitilqu).**



**MAPPA NRU. 4**
**Pubblikatur: Giovanni Francesco Camocio**
**Inċiżur: Mhux magħruf**
**L-isem tal-mappa: Disegno del Porto di Malta, come al presente si trova assediato da turchi.....**
**Data tal-istampar: It-tieni nofs ta' Ottubru tal-1565**
**Mill-kollezzjoni ta' Dr Albert Ganado**
**Din ir-raba' u l-aħħar mappa turi l-evakwazzjoni drammatika tat-Torok minn Malta. B'kuntrast mat-tliet mapep l-oħra, ħafna partijiet mill-art ta' madwar il-Port il-Kbir huma vojta u m'hemmx akkampamenti Torok. Huma kienu ħarbu lejn il-port ta' Marsamxett (marsa misoto). Kien hawn-hekk li t-Torok tilfu ħafna nies, kemm fi ġlied, kif ukoll minħabba l-fatt li ħafna għerqu waqt li kienu sejrin għall-bastimenti tagħhom.**

**minn paġna 31**

tagħmilhom l-istess. Imma mbagħad wieħed jista' jara li hemm differenzi ta' kif żviluppa l-ġlied u l-qagħdiet tat-Torok u tal-Kavallieri. Meta wieħed iħares lejn il-mapep ħdejn xulxin ikun qisu għaddej b'logħba biex jara jsibx id-differenza bejn mappa u oħra.

It-teknika użata biex saru dawn l-inċiżjonijiet hija dik normali, jiġifieri li l-inċiżjoni ssir qisha n-negattiva tar-ritratt biex imbagħad dak li jiġi stampat minnha jkun dak li l-inċiżur ried li jidher fl-istampa. Imma li hu interessanti hu li dawn l-erba' mapep ħarġu mill-istess pjanċa. Dan ifisser li l-inċiżur meta ried jagħmel mappa aġġornata ta' dak li kien seħħ fl-Assedju ta' Malta ħassar u żied fuq l-istess pjanċa li kien beda biha. Ir-riżultat ta' dan hu li din l-istess pjanċa ntużat erba' darbiet biex saru l-erba' mapep li ddeskrivew minn meta beda l-



Univerzita Karlova (Charles University) fi Praga fejn instabet il-mappa "nieqsa" li għaddet is-sett ta' erba' mapep riżultat ta' erba' inċiżjonijiet minn fuq pjanċa waħda. Jidher ukoll Joseph Schiro, li kien għamel il-kuntatti mal-Università ta' Praga biex ġiet akkwistata kopja tal-mappa li kienet nieqsa

Assedju tal-1565 sa meta spiċċa. Kien permezz tal-istess pjanċa tar-ram li twasslu l-aħbarijiet viżivi mal-Ewropa kollha ta' dak li kien qed iseħħ fil-portijiet ta' madwar l-Għolja ta' Xebb ir-Ras.

Meta wieħed iħares bir-reqqa lejn dawn il-mapep, jara fihom mhux biss il-mases tan-nies imma jara wkoll l-individwi u jara wkoll diversi attivitajiet li jagħtu ħajja mhux tas-soltu lil dawn l-inċiżjonijiet.

Dawn il-mapep għandhom aktar minn 450 sena u l-iskop ġurnalistiku tagħhom m'għadux hemm għax kien hemm żviluppi kbar ħafna fil-mod ta' kif jivvjaġġaw l-aħbarijiet. Li hu verament interessanti hu kif dawn il-mapep irnexxielhom jaslu saż-żminijiet tagħna.

Fattur interessanti hu li kien bis-saħħa tas-Sur Joseph Schiro li Malta għandha l-erba' mapep li ġew ippubblikati minn Giovanni Francesco Camocio. Schiro, li kien il-konservatur ewlieni tal-kotba u materjal tal-karta fiċ-Ċentru tal-Konservazzjoni f'Bighi u membru tal-Malta Map Society, kien waqt żjara li fl-Università ta' Praga fl-2014 meta skopra din il-mappa. Minn hemmhekk komplew il-kuntatti u flimkien mal-Professoressa Eva Novotna, il-Kap tal-Librerija Ġeografika u d-Direttur tal-kollezzjoni tal-mapep fl-Università, bdew il-ħidma biex sar possibbli li pajjiżna jakkwista r-raba' mappa (kopja) biex b'hekk għadha ħajja l-memorja ta' dan l-Assedju li hu tant importanti fl-istorja ta' pajjiżna. Kien ukoll permezz tal-għarfien kartografiku ta' Dr Albert Ganado li pajjiżna għandu dan it-teżor li jagħtina sett ta' ritratti meta mhux biss il-fotografija ma kinitx teżisti, iżda lanqas il-kelma 'fotografija' qatt ma kienet konċeputa.

**(Ħajr lil Heritage Malta)**



Il-pubblikatur u negozjant tal-kotba u l-mapep Giovanni Francesco Camocio, li kien membru tal-kleru f'Venezja